MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 690/1999/1

**Joseph Gauci; u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2014 Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici ġew maħtura bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-istess Joseph Gauci li miet fil-mori tal-kawża; Edward Pavia; Michael Galea; u Carmelo *sive* Charles Fenech**

**-vs-**

**L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors Kostituzzjonali preżentat fis-17 ta' Marzu 1999 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ordnat li l-appellanti jħallsu l-multa nflitta fuqhom fi żmien sena mill-5 ta' Ottubru 1995 u fin-nuqqas din tkun konvertibbli fi priġunerija skond il-liġi, ċjoe' għall-perjodu ta' (18) tmintax-il xahar.

Illi l-esponenti qegħdin umilment jissottomettu li l-proċeduri ġudizzjarji fil-każ tagħhom ma kenux skond 1-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond 1-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll kontra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi fil-każ li qed issir referenza għalih, fl-assenza totali tal-*corpus delieti*, kemm il-Qorti Istruttorja kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali kellhom jistrieħu fuq *circumstantial evidence*. Il-Qorti hawnhekk kellha tqabbad espert biex jeżamina d-dokumenti u jikkompara t-*typescripts* biex jara jekk kenux identiċi u jagħmel kull osservazzjani neċessarja.

Illi l-espert forensiku li tqabbad sa minn meta nbdiet il-kawża kien Dr. Anthony Abela Medici liema espert ma jista' bl-ebda mod jitqies bħala indipendenti mill-Prosekuzzjoni għaliex kien addett tal-istess dipartiment minn fejn jitmexxew il-Prosekuzzjonijiet. Kif qalu diversament il-Qrati tagħna, il-ħatra ta' espert ta' dan it-tip tmur kontra l-prinċipju ta' smigħ xieraq kif jidhru fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 1-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi kif jidher mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijet "John Saliba versus Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija" fis-6 ta' Lulju 1998:

*"illi ma jistax ikun hemm dubju li fi żmien meta saru n-nomini, ċjoe', fl-1987 wieħed raġonevolment ma setax jistenna mill-imputat (Saliba) li jirrikuża lill-esperti nominati mill-Qorti minn fost membri tal-Korp tal-Pulizija, fuq is-sempliċi raġuni li sa dakinhar, ħadd ma kien għadu ttestja dawn it-tipi ta' Nomini."* (ara s-sentenza ċitata paġni 28 u 29).

*Multo magis* ma setgħux jagħmlu din it-tip ta' rikuża r-rikorrenti meta l-każ beda fl-1983 u dan il-punt kien għadu lanqas biss ġie deċiż mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jew mill-Qorti Kostituzzjonali Maltija u kien ukoll qabel mal-Konvenzjoni Ewropea saret parti mil-liġi tal Malta fl-1987. Sakemm ingħatat l-ewwel sentenza dwar dan il-punt mill-Qorti Kostituzzjonali, il-Kodiċi Kriminali stess kien jikkontempla 1-possibbilta' li esperti jiġu nominati minn fost membri tal-Pulizija u kellha tkun il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li wriet l-inkongruenza u l-anti-kostituzzjonalita' tas-sistema.

Illi kemm il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali straħu ħafna fuq din il-prova, joħroġ mis-sentenza stess partikolarment minn paġni 11 u 12. U prattikament kienet il-pern ta' kollox. In-nuqqas ta' indipendenza tal-espert nominat mill-Qorti tqajmet mill-Avukat Difensur quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali iżda l-Qorti njurat il-punt.

Għaldaqstant huwa manifest li d-drittijiet rikorrenti nkisru f'dan ir-rigward.

*Oltre* dan it-trapass taż-żmien sakemm inqatgħet il-kawża kien wieħed eċċessiv għaliex ħa mal-ħmistax-il sena u ħafna drabi ma sar ebda progress mingħajr xi tort tar-rikorrenti. Dan il-fatt imur ċar u tond kontra l-prinċipju ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif jitolbu kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Lanqas ma kellhom smigħ xieraq ir-rikorrenti partikolarment mill-Qorti tal l-Appell Kriminali li qatgħetha li hija:

*"mhix fl-istess pożizzjoni vantaġġjata tal-ewwel Qorti li tkun "għext" il-proċess kollu fl-intier tiegħu, u hu propju minn hawn li ġie stabbilit il-prinċipju li huwa rari li din il-Qorti tiddisturba id-diskrezzjoni wżata mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi, u dan għaliex hi propju l-Qorti tal-Ewwel Grad li għandha l-ħin u l-meżżi kollha disponibbli biex tivvaluta u tikkontrolla xhieda mogħtija quddiemha viva voce."*

Fil-każ odjern, fejn si tratta ta' piena daqshekk serja, kien jistenna ħafna aktar mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Minn eżami akkurat tal-proċess kellu jirriżultalha li l-provi ma nstemgħux minn Maġistrat wieħed imma minħabba t-trapass esaġerat taż-żmien il-proċess biddel l-idejn diversi drabi u għalhekk lanqas il-Maġistrat li ta s-sentenza fil-5 tal Diċembru 1995 ma kien sema' l-provi kollha hu u lanqas ra x-xhieda kollha quddiemu. Dan ifisser li d-*doppio esame* li suppost isir biex ikun hemm apprezzament tal-provi sew ma seħħx f'dan il-każ u l-massima li addottat il-Qorti tal-Appell

Kriminali ma kellhiex tapplika f'każ ta' portata ta' din il-kwalita' u fi proċess ta' tul konsiderevoli.

*Inoltre* eżami akkurat tal-proċess kien juri li anke kien hemm xhieda neqsin fl-inkartament tal-proċess, li hija ħaġa wisq naturali konsideranda t-trapass taż-żmien. Anke dan ġab preġudizzju serju lill-akkużat.

Minħabba din il-mankanza, fl-assjem tiegħu l-proċess quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien nieqes mill-garanzija ta' smigħ xieraq li jrid ikun hemm ukoll f'dan l-istadju u dan skond każistika konsistenti tal-Qorti Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem li dejjem saħqet li jekk il-leġislatur jagħti l-fakolta' li wieħed jieħu l-każ tiegħu fl-istadju tal-Appell irid jiżgura li l-proċess ikollu l-istess garanzija tal Qorti tal-Ewwel Grad.

Illi fl-aħħarnett it-trapass taż-żmien b'din il-piena mdendla fuq rashom il-ħin kollu r-rikorrenti jissottomettu li dan imur kontra l-Artikolu 3 tal-konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu korrispondenti fil-Kostituzzjoni ta' Malta li jaffermaw li ħadd m'għandu jkun assoġġettat għal trattament inuman u degradanti bħalma ġara f'dan il-każ minħabba il-pressjoni psikoloġika enormi li sofrew ir-rikorrenti u li minnha għadhom isofru sa llum. Li t-trattament inuman jista' jkun mentali joħroġ ukoll mill-każistika tal-Qorti nostrana.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li *stante* l-kwalita' tal-perit forensiku huma ma kellhomx smigħ xieraq u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tiddikjara li ma kellhomx smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Tiddikjara d-dewmien fil-procedura jammonta għal trattament inuman u degradenti li jmur kontra l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

4. Tħassar is-Sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru 1998;

5. Tagħti dawk l-ordnijiet u dawk ir rimedji xierqa sabiex jitħarsu d-drittijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota r-risposta ppreżentata mill-intimati l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija fil-25 ta' Marzu 1999 fejn eċċepew:

Illi preliminarjament il-Kummissarju tal-Pulizija mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża *stante* li l-lanjanzi tar-rikorrenti jirrigwardaw sentenza pronunzjata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fejn il-prosekuzzjoni ssir mill-intimat Avukat Ġenerali u mhux mill-pulizija.

Illi din il-Qorti għandha tiddeklina mill-terżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-artikolu 46(2) peress li meżżi

xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti. Jemergi ċar mill-istess rikors promotorju fejn jingħad testwalment li *"In-nuqqas ta' indipendenza tal-espert nominat mill-Qorti tqajmet mill-Avukat Difensur quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali izda l-Qorti njurat il-punt".* Issa huwa maħsub fil-kostituzzjoni li meta tqum kwistjoni quddiem Qorti li ma jkollhiex ġurisdizzjoni kostituzzjonali oriġinali din, sakemm ma tqisx il-kwistjoni bħala sempliċiment frivola u vessatorja, għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili biex tagħti d-deċiżjoni tagħha u l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-deċiżjoni.

Jidher li r-rikorrenti għażlu li ma jsegwux il-proċedura li l-Kostituzzjoni tipprovdi f'każ bħal dan u ċjoe' li jitolbu li ssir referenza kostituzzjonali. Issa li ġew kundannati għall-egħmilhom għażlu li jikkonvertu a komodu tagħhom il-Prim' Awla f'Qorti ta' Kassazzjoni biex jitolbu l-annullament tat sentenza regolarment enunċjata. Huwa evidenti li r-rikorrenti għażlu li jiżvestu ruħhom minn rimedju u din il-Qorti b'rispett lejn il-prinċipju ġenerali tad-dritt taċ-ċertezza legali għandha tirrifjuta li terżerċita f'dan l-istadju inoltrat l-ġurisdizzjoni tagħha.

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-artikolu 7 tal-Kap 319 jipprovdi li l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali mwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma għandu jagħti lok għat-teħid ta' azzjoni taħt l-istess Kap 319. Billi jidher li n-nomina tat l-espert kontestat saret qabel din id-data l-lanjanzi bbażati fuq il-Kap 319 huma inammissibbli *ratione temporis*.

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, mhux minnu li l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li l-espert forensiku Anthony Abela Medici ma jistax jitqies bħala espert indipendenti

mill-prosekuzzjoni għaliex jaħdem ma' l-istess pulizija. Anzi hemm sentenzi, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, li ddeċidew bil-maqlub ta' dak li qed jgħidu ir-rikorrenti. Is-sentenzi li jirriferu għalihom ir-rikorrenti kienu jikkonċernaw esperti membri fil-Korp tal-Pulizija mentri Anthony Abela Medici qatt ma kien membru tal-korp u għalhekk anki fit-termini tal-liġi qatt ma jista' jigi assoċjat mal-mansjonijiet ta' uffiċjali prosekuturi. Bħala espert tal-Qorti l-lejaltajiet tiegħu kienu lejn il-Qorti u la lejn il-prosekuzzjoni u lanqas lejn id-difiża.

Illi għar-rigward tal-lamentat trapass taż-żmien, anki skond l-ġurisprudenza assodata tal-organi ta' Strasbourg, ir-raġonevolezza tat-tul tal-proċeduri ġudizzjarji tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u mhux b'sempliċi konteġġ tan-numru tas-snin li tkun damet kawża biex tiġi deċiża mill-Qorti ("Konig v FRG" Series A 27 para 99, 1978). Fatturi bħal-komplessita' tal-kawża u l-aġir tar-rikorrenti huma determinanti daqs kemm hu determinanti l-aġir tal-ġudikanti. Li hu aċċertat hu li m'hemm l-ebda *"time limit"* li l-Qrati jridu ta' bilfors iħarsu, għaliex altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta. Għalhekk mhux biżżejjed li r-rikorrenti jgħidu li l-kawża tagħhom damet tant snin biex ġiet deċiża u b'hekk ġew vjolati d-drittijiet fondamentali tagħhom.

Illi l-fatti tal-każ juru li r-rikorrenti qed jibbanaliżżaw l-portata tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni billi l-liġi tirrikjedi trattament tali li jammonta għall-agir intollerabbli f'soċjeta' demokratika. Illi l-organi ta' Strasbourg dejjem irritjenew li jkun hemm trattament degradanti tal-persuna konċernata jekk it-trattament *"grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience"* ("Greece vs U.K. Yearbook XII", 1969; "Ireland vs United Kingdom B 23-1" 1976-78; Tyrer, B. 24, 1977-78, Guzzardi B.35, 1979-80). Il-Kummissjoni qalet ukoll li

l-miżuri jridu jikkostitwixxu nsult lid-dinjita' umana tal-applicant (Applikazzjoni 8930/80). L-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-allegat dewmien tal-proċeduri ġudizzjarji jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti huwa kważi nsult lejn l-awtorita' tal-Qorti meta allegazzjoni serja bħal din tiġi abbinata ma' l-andament normali tal-proċess ġudizzjarju.

Illi fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti ma jistgħux jinqdew bi proċedura kostituzzjonali biex il-Prim' Awla sservi bħala Qorti tat-tielet istanza b'ġurisdizzjoni kriminali. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbad tħassar u tannulla sentenza ta' Qorti kriminali kompetenti meta jista' jkun hemm rimedji oħra aktar konfaċenti mal-ġurisdizzjoni tagħha. Illi madankollu l-ebda rimedju ma jispetta lir-rikorrenti billi l-lanjanzi tagħhom huma bla fondament ġuridiku jew fattwali. Għaldaqstant l-intimati jitolbu li (1) din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddeklina l-ġurisdizzjoni tagħha għar-raġunijiet fuq imsemmija (2) subordinatament, il-Kummissarju tal-Pulizija jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u (3) subordinatament tiċħad fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti għaliex infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż.

Rat l-atti proċesswali sija tal-Qorti Kriminali (żewġ istanzi) u sija dawk tal-kawża odjerna;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Settembru 2009 li permezz tagħha l-Qorti ddeklinat li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha u dik tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Mejju 2010 li permezz tagħha rrevokat dik is-sentenza u bagħtet l-atti tal-kawża lura lil din il-Qorti biex tiddeċidiha fil-mertu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Illi kif jidher mill-premess, ir-rikorrenti qed jallegaw li fil-proċeduri imsemmija ġew miksura d-drittjiet fundamentali tagħhom bażikament għaliex matul il-kors tal-proċeduri li għaddew minnhom ġie nominat Dr Abela Medici bħala espert forensiku u peress li kien addett mal-Korp tal-Pulizija ma kellhomx smigħ xieraq; ilmentaw ukoll mid dewmien fil-proċeduri.

Ir-rikorrenti jibbażaw t-talbiet tagħhom fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

Illi l-**artikolu 39** jgħid hekk:

*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

*(2) Kull Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbliġi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

*(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull Qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbliġi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorita' ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-Qorti jew awtorita' oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.*

**L-artiklu 6 (1)** imsemmi jgħid hekk:

*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-Qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita' tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

**L-artiklu 36 u 3** imsemmija jgħidu hekk:

*36. (1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

*(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtoriżża l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il- ġurnata stabbilita.*

*(3)(a) Ebda liġi ma għandha tipprovdi għall-impożizzjoni ta'*

*pieni kollettivi.*

*(b) Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impożizzjoni ta' pieni kollettivi fuq il-membri ta' korp dixxiplinat skont il-liġi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp.*

*3. Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

Għandu jingħad mill-ewwel li l-intimati għandhom raġun jissollevaw l-eċċezzjoni li kwantu jirrigwardja n-nomina ta' Dr. Abela Medici, din saret qabel l-entrata in vigore tal-Konvenzjoni (30 ta' April 1987) u allura skond l-artiklu 7;

*(7) Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it- 30 ta' April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 t'April 2002, ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4.*

Allura **l-lanjanza fir-rigward**, ma tistax tiġi eżaminata fl-isfond tal-Konvenzjoni, għalkemm naturalment xorta waħda trid tiġi eżaminata fl-isfond tal-Kostituzzjoni.

Illi l-awturi **Jacobs and White** *(The European Convention on Human Rights*, paġna 140) jgħidu illi:

***"Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national***

***law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.***

***The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when*** **considering** ***whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."***

Illi dan qed jingħad għaliex fuq ċertu aspett, din il-Qorti tqis li l-lanjanza prinċipali tar-rikorrenti, intiża biex tħassar is-sentenza kontra tagħhom tal-Qorti Kriminali, mhijiex appuntu ħlief talba biex din il-Qorti tirrevedi s-sentenza msemmija, xi ħaġa li naturalment din il-Qorti ma tistax tagħmel.

Illi din il-Qorti wara illi eżaminat l-atti, speċjalment is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, jidhrilha li l-perizja in kwistjoni *sia pure* ta' importanza proċedurali, ftit inċidiet fuq id-deċiżjonijiet tal-Qorti; il-Qorti Kriminali nfatti fis-sentenza tagħha qalet fost affarijiet oħra;

*"Illi din il-Qorti qieset sew dan il-punt ferm interessanti sollevat mid-difiża tal-appellanti, liema punt effettivament, huwa il-pern tal-kwistjoni kollha, u ħasbet fit-tul fuq dak kollu li ġie sottomess rigwardanti miż-żewġ naħat. Fil-fehma tal-Qorti, għalkemm kien ikun ferm aħjar u ferm aktar faċli li kieku nstabet il-merkanzija in kwistjoni, jew, għall-inqas, xi parti minnha, b'dana kollu ma tistax tiġi eskluża kompletament kull reita' semplicement għaliex ma nstabx il-corpus delicti. Ovvjament il-preżenza fiżika tal-oġġetti importati illegalment kienet tikkostitwixxi l-aħjar prova, iżda,*

*bħalma jiġri f'ħafna każijiet, fil-mankanza tal-aħjar prova, wieħed irid jirrikorri għas-'secondary evidence', jew il-provi indiretti jew ċirkostanzjali. Skond din il-Qorti, il-fatt li l-investigaturi ma kienu sabu f'Malta l-ebda evidenza fiżika tal-oġġetti allegatament importati b'mod illegali, mhix xi ċirkostanza daqshekk essenzjali li allura l-appellanti qatt ma jistgħu jinstabu ħatja tal-akkużi dedotti kontra tagħhom. Il-mankanza tal-corpus delicti f'dan il-każ, li kien ikun l-aħjar prova tal-prosekuzzjoni, jirrendi biss il-kompitu tal-prosekuzzjoni ferm aktar diffiċli, fis-sens li l-oneru tal-prova tal-importazzjoni llegali tal-oġġetti in kwistjoni, li dejjem hu u jibqa' fuq il-prosekuzzjoni, ġie reż ferm aktar gravuż. Il-fatt li hemm nuqqas materjali tal-corpus deliciti, f'każ partikolari, ma jfissirx neċessarjament illi għalhekk wieħed ikun impossibbli għalih sabiex raġjonevolment u legalment isib ħtija f'dak li jkun. Skond din il-Qorti dan huwa każ tipiku fejn il-kumpless taċ-ċirkostanzi li jikkostitwixxu l-isfond ta' dan il-każ jirrendih wieħed minn dawk li għalihom japplikaw il-kliem, mhux dejjem applikabbli f'każijiet oħra, li hemm fis-sentenza "R -vs- Taylor" 21 CRIM App. R 21, fejn intqal testwalment hekk:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidences is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

*Din il-linja u prinċipju ġew segwiti anke hawn Malta, u senjatament fl-Appell Kriminali "il-Pulizija -vs- Carmelo Busuttil et," deċiż fis-6 ta'Mejju, 1961, per Onor. Imħallef J. Flores, u sussegwentement fi proċeduri oħra, fejn fl-Appell Kriminali msemmi, il-Qorti kienet qalgħet li:*

*"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-aħjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi preċiżjoni matematika."*

*Din il-Qorti, kif presjeduta, tikkondividi din il-fehma u tara li dan il-każ odjern, għalhekk, huwa fil-maġġjor parti tiegħu ibbażat fuq dawn il-provi indizzjarji fil-mankanza tal-aħjar prova tal-corpus delicti, partikolarment fuq id-dokumentazzjoni estera esebita li għandha x'taqsam mal-fuq imsemmija seba' containers, fuq liema dokumentazzjoni l-prosekuzzjoni bniet il-każ tagħha. F'dan il-każ, il-provi dokumentarji, fl-assjem tagħhom, jolqtu s-seba' containers in kwistjoni. Għal kull container hemm patafjun ta' provi dokumentarji, mhux biss konsistenti f'Bill of Lading relattiva, iżda f'dokumenti oħra ančillari li għandhom jiġu meħuda u apprezzati flimkien fl-assjem tagħhom, inklużi l-Invoices."*

Illi dan juri illi anke kieku l-argument tar-rikorrenti jkun aċċettat, u ċjoe' li n-nomina ta' Dr. Abela Medici kienet lesiva tad-drittijiet tagħhom – xi ħaġa li hija almenu diskuttibbli – ir-riżultanzi ta' dik in-nomina ma kienux determinanti għas-sejba tal-ħtija tagħhom.

Illi din il-Qorti wkoll lanqas ma hija mpressjonata bl-argument tar-rikorrenti li fiż-żmien in kwistjoni dawn in-nomini ma kienux jiġu kontestati u allura huma ma kienux f'pożizzjoni li jagħmlu dan; kif din l-oppożizzjoni eventwalment saret minn ħaddieħor huma wkoll setgħu għamlu dan fiż-żmien in kwistjoni u tempestivament, u mhux jippromjovu din il-kawża fuq dan il-bażi, meta ġew misjuba ħatja sittax-il sena wara.

Illi din il-Qorti lanqas ma tara mkien li r-rikorrenti sofrew xi trattament inuman; kif intqal fil-każ **"Kudia vs Poland"** mill-Qorti ta' Strasbourg: *"... inhuman treatment must cause either actual*

*bodily harm or intense physical or mental suffering ...",* u *"the suffering must go beyond that inevitable suffering that results from a given form of legitimate treatment or punishment"* (**Ireland vs UK, 1978**)

Illi minn imkien fl-atti ma jirriżulta li dan it-tip ta' trattament ġie nflitt fuq ir-rikorrenti. Fil-fatt ftit hemm riferenza għal dan fin-nota' ta' osservazzjonijiet tagħhom.

**DWAR ID-DEWMIEN**

Illi din il-Qorti pero' jidhrilha li r-rikorrenti għandhom raġun fejn jirrigwardja d-dewmien biex il-kawża kriminali ġiet deċiża. Kif issemma, il-proċeduri bdew l-1983; il-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet il-kawża fl-1 ta' Diċembru 1995 u dik tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998.

Illi huwa minnu li ħafna mid-dewmien fil-kawża kriminali kien dovut ukoll għall-istess rikorrenti, iżda ma hemmx dubju lanqas u l-amministrazzjoni tal-Qorti naqset diversi drabi f'dan l-aspett; kien hemm perjodu meta l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sprovvista minn deputat permanenti, u dan wassal biex id-dewmien estenda 'mod li l-Imħallef dak iż-żmien sedenti irtira bl-eta' u l-kawża ġiet assenjata lil Imħallef ieħor li fiċ-ċirkostanzi kien pjuttost żvelt u ppronunzja s-sentenza fi ftit xhur. Jaħtu parzjalment ukoll il-persuni li kienu jmexxu l-Korp tal-Pulizija fiż-żminijiet in kwistjoni għan-nuqqas biex jinġiebu l-provi f'ċerti seduti.

Illi a skans ta' tul eċċessiv din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta mogħtija ftit ġimgħat ilu, u ċjoe' fil-15 ta' Mejju 2015, fl-ismijiet **"Joseph**

**Manuel Galea et vs Avukat Ġenerali"**, u din il-Qorti tiddikjara li taqbel perfettament magħha u mas-sentenzi hemm ċitati. F'dak il-każ, id-dewmien kien ġia' ta' disa' snin u l-unika differenza ma' dan il-każ odjern huwa li effettivament dan ma kienx każ sempliċi li seta' jiġi deċiż f'seduta waħda kif il-Qorti qalet fil-kawża ta' Galea appena msemmija. Biss sittax-il sena huma, b'kull parametru, żmien eċċessiv biex proċeduri kriminali jiġu mitmuma.

Illi għalhekk din il-Qorti jidhrilha li għandhom jitħallsu €15,000 lil kull wieħed mir-rikorrenti bħala danni non pekunjarji, li għandhom jitnaqqsu mill-multa nflitta lilhom mill-Qorti Kriminali.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, *eccetto* dik relatata mad-dewmien tal-proċeduri kriminali msemmija, liema talba qed tiġi milqugħa b'dan li l-Qorti tordna li kull wieħed mir-rikorrenti jpaċi s-somma ta' €15,000 mill-ammont inflitt lilu fl-istess proċeduri.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal żewġ terzi mir-rikorrenti u terz mill-intimati.**

**Moqrija.**

< Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------